XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 414*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 42*
*It-Tnejn 02 ta' Awwissu, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-12.40pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Mr. Teddy Mizzi*<br>*Mr Hubert Saliba* |
| *Skużata:* | *Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

## 1. Gozo Biological Treatment Plant

*Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġi diskuss il-Gozo Biological Treatment Plant li qed ikun propost li jsir fl-inħawi Tal-Kus, ix-Xewkija. Wasteserv Ltd talbu li jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija biex jiddiskutu dan is-suġġett. Nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu ser isir is-smigħ tal-MEPA dwar dan l-impjant.*

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Marthese Portelli kienet bgħatet email li mhux possibbli li tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba daħlu fil-kamra tal-laqgħat fis-12.50pm.

Il-laqgħa bdiet billi l-ewwel saret introduzzjoni mill-Inġinier Vince Magri fejn informa lill-Kunsill dwar min huma l-uffiċċjali li ġew miegħu biex jirrappreżentaw lil Wasteserv Ltd. Preżenti miegħu kien hawn il-Perit Ivan Bartolo u li huwa iċ-Chief Project Manager, il-PR Chanel Busuttil, l-Inġinier dwar proġetti Inġ. Joseph Portelli, Charles Spiteri li huwa l-Uffiċċjal inkarigat minn Għawdex u Tony Bajada li jżomm il-kuntatti u relazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali speċjalment dwar maniġjar tal-ġbir ta' skart separat.

Is-Sindku staqsiet lill-Inġinier Magri jekk dan il-proġett hux dak li sa ftit tal-jiem ilu kien qed jissemma' li ser isir fl-inħawi magħrufa bħala tal-Lewż, limiti Ta' Sannat. L-Inġ. Magri qal li iva dan huwa l-istess impjant. Huwa spjega kif saret selezzjoni minn ADI Associates Env. Consultants. Il-proċess kien li l-ADI ħadu l-offerta biex isir studju ta' selezzjoni għall-aħjar post biex isir dan l-impjant. L-ADI għamlu lista ta' 23 lokalita' madwar Għawdex kollu dwar liema huma l-aħjar siti. Wara ġew short listed għal sitt postijiet u finalment l-għażla waqgħet

għal Tal-Kus ix-Xewkija. Issa l-proċess irid ikompli billi l-MEPA titlob li jsir l-EIA. Matul dan il-proċess kull min huwa nteressat jista' jdaħħal il-kummenti tiegħu biex dawn jiġu riflessi ukoll fl-EIA.

Il-Kunsillier Teddy Mizza staqsa x'ser ikun eżatt dan l-impjant. L-Inġ. Magri qal li kif hemm spjegat tajjeb fuq il-Project Description Statement li l-Kunsill Lokali għandu kopja tiegħu, dan l-impjant ser isir biex jittratta demel u skart ieħor li joħroġ mill-irziezet li hawn madwar Għawdex kollu. Il-Kunsillier Mizzi staqsa minn fejn se jgħaddu l-vetturi li ser iġorru dan il-materjal lejn l-impjant li huwa propost li jinbena f'Tal-Kus. L-Inġ. Magri qal li huma jkunu responsabbli mill-bieb tal-impjant 'l ġewwa u ma jistgħax iwieġeb minn fejn se jgħaddi t-trasport. Huwa qal li l-Kunsill għandu kull dritt li jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-MEPA biex meta jsir l-EIA din il-problema u problemi oħrajn jiġu kkunsidrati. Il-Kunsillier Mizzi qal li huwa kontra li dan il-proġett isir f'Tal-Kus peress li t-trasport biss ser ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti. Il-Perit Ivan Bartolo qal li t-trasport huwa ppjanat li jgħaddi mix-Xewkija iżda mhux miċ-ċentru. F'dan il-ħin ma kienx hemm qbil minn naħa tal-Kunsill li t-trasport għandu jgħaddi mix-Xewkija, lanqas minn toroq li m'humiex fiċ-ċentru peress li fihom residenti wkoll joqgħodu.

Saru proposti oħra dwar minn fejn jista' jgħaddi t-trasport biex innaqsu l-inkonvenjent kemm jista' jkun. Saret proposta wkoll li għandu jsir pipe line dirett u b'hekk ma jkunx hemm bzonn tat-trasport. L-Inġ. Magri qal ukoll li barra żvantaġġi dan l-impjant jista' jkun ta' vantaġġ. Huwa qal li dan l-impjant ser ikun jiġġenera ammont ta' ilma li jkun tajjeb għat-tisqija u għalhekk il-bdiewa tax-Xewkija jistgħu jibbenifikaw minn dan ukoll.

Is-Sindku kkjarifat li l-Kunsill mhux kontra l-proġett iżda kontra s-sit li ntgħażel. L-Inġ. Magri qal li huwa jifhem is-sitwazzjoni tal-Kunsill. Huwa qal li ġie jiltaqa' mal-Kunsill biex iwieġeb għall-mistoqsijiet kollha li jista' jkun hemm minn naħa tal-Kunsill. Peress li ma kienx għad baqa' aktar mistoqsijiet minn naħa tal-Kunsill, il-laqgħa ma' Wasteserv Ltd ntemmet f'dan il-ħin.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dawn il-punti:-

1. Il-Gozo Treatment Plant m'għandux jsir f'Tal-Kus.
2. Jekk isir f'Tal-Kus, għandu jsir pipe line biex nevitaw li l-bowsers/vetturi jgħaddu miċ-ċentru tax-Xewkija.
3. Għandha tingħata garanzija lill-Kunsill li la l-impjant ma jkun jagħmel l-irwejjaħ u lanqas il-bowsers/vetturi li jintużaw biex iġorru l-materjal lejn u lura mill-impjant.
4. L-impjant irid jinżamm fl-aħjar stat possibbli dejjem.
5. Kull tip ta' Enerġija li tista' tiġi ġġenerata minn dan l-impjant, għandhom jibbenefikaw minnha r-residenti tax-Xewkija biss.
6. Għandha tingħata garanzija lill-Kunsill li t-traffiku lejn u lura minn dan l-impjant m'għandix tgħaddi miċ-ċentru tax-Xewkija, iżda miż-Żona Industrijali u minn toroq arterjali (Triq Mġarr).
7. Għandhom jiġu irranġati Triq Baqqari, Triq Tal-Lewż u Triq is-Salib biex ikunu jistgħu jgħaddu minnhom il-vetturi/bowsers ta' dawn

l-inħawi u joħorġu għal fuq it-triq arterjali kif spjegat f'punt nru 6 u b'hekk ma jgħaddux miċ-ċentru tar-raħal jew minn toroq residenzjali.

8. Għandu jsir l-infurzar neċessarju biex jiġi żgurat li ħadd ma jgħaddi miċ-ċentru tar-raħal jew minn toroq residenzjali.
9. Planning Gain Fund. Għandu jinħoloq fond li kull sena jingħata lill-Kunsill Lokali tax-Xewkija biex jagħmel tajjeb għad-detriment u inkonvenjent li ser isofri r-raħal tagħna jekk dan l-impjant isir f'Tal-Kus.

Il-Kunsill qabel li għandna ndaħħlu s-submissions tagħna lill-MEPA sa nhar l-Erbgħa 11 ta' Awwissu 2010. Is-Sindku ssuġġeriet li għandna nqabbdu lil xi ħadd li huwa tekniku u għalhekk ikkuntattjat (permezz tat-telefon) lill-Perit John Saliba li huwa l-Contract Manager tal-Kunsill. Il-Perit Saliba qal li fuq dawn l-affarijiet aħjar nitolbu lil xi ħadd aktar kompetenti minnhu. Huwa ssuġġerixxa li nikkuntattjaw lill-Perit Lino Bianco. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nikkuntattjaw lill-Perit Bianco. Is-Sindku kkomunikat mal-Perit Bianco permezz tat-telefon u huwa talab li nibgħatulu l-informazzjoni biex ikun jista' jressaq il-punti tal-Kunsill quddiem il-MEPA. Il-Perit ġie nfurmat bis-smigħ tal-MEPA li ser isir nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu u b'hekk jattendi f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Perit Bianco jibgħat stima tal-ispejjeż involuti. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu (b'email) il-punti kollha imsemmija hawn fuq lill-Perit Bianco u b'hekk ikun infurmat dwar x'inhuma l-ħsibijiet tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fit-2.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Awwissu, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku